# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4: Jitwieled għalina**

**Lezzjoni 4.8: Ngħixu l-Milied is-sena kollha**

**L-Għanijiet:**



L-istudenti:

1. Jagħrfu x'għandhom jagħmlu biex fil-verità jgħixu l-Milied is-sena kollha.
2. Jifhmu liema azzjonijiet jgħinuhom jilħqu dan il-għan.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- ppt - *L-Avvent: il-miġja ta' Ġesù fostna*
- Stampi powerpoint (biex jintużaw mal-kant):

  Nagħġa, riħ, kewkba, tifel ragħaj, re, Ġesu' Bambin
- Kliem tas-song: Do you see what I see ?

  http://www.youtube.com/watch?v=Jjs9hxQVb5M

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Uri ppt. Mogħti.
- Staqsi lill-istudenti:
  1. X'ħadna minn din it-tifkira tant kbira u sabiħa tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu?
- Iddiskuti mal-istudenti:

Ta' kull sena nagħmlu t-tifkira ta' ġrajja li ġrat ftit aktar minn elfejn sena ilu meta f'daqsxejn ta' għar f'Betlehem twieldet tarbija li kellha tkun id-dawl ta' kull bniedem. Aħna ma nfakkrux tifkira li ġrat darba u daqshekk imma li għadha u tibqa' sseħħ sal-aħħar tad-dinja! Dan għaliex Ġesù twieled għal kull bniedem kemm għall-ġenerazzjonijiet ta' qabilna kif ukoll għal dawk li għadhom ġejjin. Kull Milied mhux bħal ta' qablu, kull Milied għandu messaġġ differenti xi jwasslilna. Il-Milied irid iħalli effett fuqna matul is-sena kollha, inkella l-Milied seta' ma ġie xejn!

**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)**

- Fisser dan: Il-veru Milied ifisser imħabba bla qies minn Alla li ġie fid-dinja u sar bniedem biex jifdi lili u lilek! Mela issa din l-imħabba trid timxi minn bniedem għal ieħor. Jekk matul din is-sena kulħadd jipprova jwassal din l-imħabba lil dawk ta' madwaru, ikun verament qed jgħix il-Milied is-sena kollha! Kemm tkun ħaġa ideali kieku jirnexxilna li l-Milied nibqgħu ngħixuh matul is-sena kollha. Dak il-fervur biex inferrħu lill-oħrajn f'dan iż-żmien qaddis, ikollu valur kbir jekk jibqa' fina fil-ġranet u xhur ta' wara. Il-ħidma għall-għaqda u l-imħabba bejn il-familji u l-ħbieb tajjeb li nżommuhom u nsaħħuhom.



- Fisser li l-ġenerożità li tbaqbaq fina matul il-festi tal-Milied lejn min hu fil-bżonn ċertament li hemm post għaliha dejjem u ma' kulħadd.

- Fakkar li dan ħa jkun dan wieħed mill-proponimenti tagħna . Meta jirnexxilna, inkomplu ngħixu l-ispirtu qaddis tal-Milied tul is-sena kollha, inkunu qed insaħħu l-kliem tal-Anġli meta fit-twelid ta' Ġesù Bambin bdew ifaħħru lil Alla u jgħidu: Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!

- Iffoka fuq l-azzjoni li nistgħu nwettqu: Kif?
  Jekk kull persuna tagħżel li twettaq inizjattiva li permezz tagħha ser tkun qed tgħin persuna oħra b'xi mod jew ieħor allura nkunu qegħdin noħolqu soċjetà li tkun taf tħobb u tirrispetta b'mod konkret.
  Importanti immens li napprezzaw u ngħożżu lil dawk ta' madwarna. Dawk li jkunu ġenwini u jixtiqulna kull ġid. Nuru l-imħabba tagħna lejhom mhux biss bil-kliem imma bil-fatti. Il-'quality time' ma' dawn il-persuni hu importanti mmens. Tajjeb li ssib ħin u turi ftit interess f'dak li jkun, ma nieħdu lil ħadd "for-granted" għax meta fl-aħħar tirrealizza b'dak li tkun għamilt ... jaf ikun tard wisq, tfittixhom u ma ssibhomx.
  Għalhekk ejjew inkantaw flimkien u niftakru li l-affarijiet tal-Milied għandhom tifsira biex lilna jħeġġ għall-għaqda, paċi u ferħ.

- Uża powerpoint bl-istampi tas-song -Do you hear what I hear?

- Ikkonkludi billi tħalli lill-istudenti jisiltu xi tagħlima minn din is-song.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-Milied, anke għal dawk li mhumiex kattoliċi, huwa żmien li fih irridu nfakkru l-ħtieġa tal-paċi mhux biss bħala individwi imma wkoll bħala komunitajiet.
2. Huwa ż-żmien li jġegħilna nippruvaw nifhmu l-ħtieġa tas-solidarjetà u anke fejn ma naqblux.
3. Huwa l-mument li nagħżlu li nirriflettu dwar il-faqar ta' madwarna u l-inġustizzji li ngħixu fil-ħajja ta' kuljum.
4. Hemm faqar li għax ma narawhx b'għajnejna naħsbu li ma jeżistix.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




Nitgħallmu nittrattaw tajjeb lil xulxin, u jkollna rieda tajba biex nifhmu aħjar lil ta' madwarna u napprezzawhom aktar. Jeżisti mhux il-faqar materjali biss. U mhux il-faqar li flok niekol biċċa laħam qed niekol platt għaġin. Il-gwerer għadhom jeżistu, il-ġuħ ma nqeridx, li ngħidu le għal valuri tal-ħajja qed tiżdied waqt li l-injoranza għadha magħna. Insibu l-inġustizzi anke fil-familji u l-postijiet tax-xogħol. Dawn iġibu biss disgwid u ġlied. Għalhekk naħdmu biex nevitawhom.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ec



**Song : Do you see what I see ?**

**http://www.youtube.com/watch?v=Jjs9hxQVb5M**

## Nitolbu

